# QORTI   TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2019.**

**Numru 5**

**Citazzjoni numru 994/71LFS**

**Żakkarija Calleja**

**v.**

**Ignazio Gatt u b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2013, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Speranza armla minn Ignatius Gatt, Joseph, Carmel, Miriam xebba, Philip, Paul, Alexandra xebba, u William ilkoll aħwa Gatt, *stante* l-mewt ta' Ignatius Gatt fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimati minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom u laqgħet it-talbiet tal-attur appellat billi sabet li huwa ġarrab danni minħabba l-ġwież u l-

konċentrat lilu mibjugħ mill-awtur tal-appellanti u illikwidat tali danni fis-somma ta' tlitt elef erba' mija u sittax-il euro u tliet ċenteżmi (€ 3,416.03), bl-imgħax fuq l-imsemmija somma jgħaddi minn dakinhar tal-imsemmija sentenza u bl-ispejjeż kontra l-intimati appellanti;

2. Fiċ-Ċitazzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru, 1971, quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, l-appellat għar-raġunijiet hemm imfissra, talab lill-ewwel Qorti ssib lill-intimat Ignazio Gatt responsabbli għad-danni li ġarrab meta, minħabba l-għalf u l-konċentrat lilu minnu mibjugħa, mitulu bosta flieles, tiġieġ u majjali tat-trobbija; u li tikkundanna lill-istess intimat Gatt iħallsu d-danni mġarrba u likwidati, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' periti għal dan il-għan. Talab ukoll l-imgħaxijiet kummerċjali u l-ispejjeż;

3. B'Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-6 ta' Diċembru, 1971, l-intimat Gatt eċċepixxa l-infondatezza tal-azzjoni attriċi billi qal li l-kawża tressqet biss biex jipprova jeħles milli jħallas kreditu li l-istess eċċipjenti kien qed jitlob kontra l-attur f'kawża oħra[1] quddiem l-istess Qorti. Laqa' wkoll bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn dwar kull konsenja li saret qabel is-16 ta' Novembru, 1969, meta twaqqfu l-konsenji tal-għalf u konċentrat mertu tal-każ;

4. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li kunsidrat kif ġej:

[1] Ċitazz. Nru. 319/70

"***C. PROVI:***

*"Rat id-digriet tal-5 ta' Mejju, 1972 li permezz tieghu gie nominat il-Professur Anthony Jaccarini.*

*"Rat li fid-29 ta' Ottubru, 1974 il-Qorti laqghet it-talba biex jigi allegat mal-atti tal-kawza l-process 319/70.*

*"Rat ir-rapport tal-Professur Anthony Jaccarini li fih semma:*

> *"L-esponent wara li kkonsidra x-xhieda kollha kif ukoll id-dokumenti li gew esebiti seta' (1) jikkonkludi li kien hemm provi bizzejjed biex juru li l-"concentrate" ta' l-ghalf fornit lill-attur mill-konvenut kien ta' kwantita` differenti minn dik ordnata mill-attur u ta' dik indikata fuq l-ixkejjer ta' dan il-"concentrate" u (2) jistabilixxi li l-kawza tal-mewt ta' l-annimali kien wisq probabbli dovuta ghal xi infezzjoni u li din l-istess marda setghet tikkaguna n-nuqqas fil-produzzjoni tal-bajd tat-tigieg.*
>
> *"Il-provi ghal ta' l-ewwel huma:*
>
> *"(i) id-dokumenti A, B u C (Cit. Nru. 319/70) li juri car li kien hemm nuqqas ta' proteini jigifieri 43.8%, 39%, 39.25% kontra 48% li kien indikat fuq l-ixkejjer (Dokument A – Cit. Nru. 994/71);*
>
> *"(ii) l-ammissjoni tal-konvenut rigward in-nuqqas ta' "fishmeat" li seta gab dan in-nuqqas ta' proteini (seduta ta' l-4 ta' Mejju, 1976);*
>
> *"(iii) ix-xhieda ta' John Buttigieg dwar il-kulur bajdani tal-"concentrate" mentri solitament dan kien ikun ta' kulur iswed (seduta ta' l-4 ta' Lulju, 1975);*
>
> *"(iv) ix-xhieda ta' Joseph Falzon li sema' lill-konvenut jghid lill-attur li "il-gwiez mhux hazin izda mhux komplut" (seduta ta' 27 ta' April, 1976).*
>
> *"Hija wkoll l-opinjoni ta' l-esponent li ghalkemm il-"concentrate" kellu dan in-nuqqas ta' proteini u l-valur nutritiv seta ghalhekk naqas, il-"concentrate" ma kienx jista' jigi kkunsidrat, f'sens assolut, <u>bhala hazin</u>.*
>
> *"Ghal dik li hi kawza tal-mewt ta' l-annimali kif ukoll in-nuqqas tal-produzzjoni tal-bajd tat-tigieg, ix-xhieda tat-Tabib Veterinarju Frank Cassar turi bic-car li l-annimali kienu qed isofru b'xi mard infettiv li seta kien dovut ghal mikrobi bhala ma huma E. Coli u S.*

*Typhi. Dan gie stabbilit minn Dr. Cassar innifsu f'diversi okkazzjonijiet.*

*"Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-esponent skond l-inkarigu moghti lilu ra bir-reqqa x'relazzjoni setghet kienet tezisti bejn in-nuqqas ta' proteini fil-gwiez u l-infezzjoni msemmija. Minghajr dubbju, in-nuqqas ta' proteini fil-ghalf mhux, jew se, il-kawza ta' infezzjoni li din kif diga giet maghmula referenza aktar 'il fuq huwa dovut ghall-mikroorganizmi bhal ma huma l-mikrobi. Huwa maghruf li f'kwalunkwe popolazzjoni ta' organismi hajjin bhal ma huma l-bnedmin u l-annimali jkun hemm percentwali indeterminata ta' individwi li ghal diversi raguni bhal ma huma l-estremitajiet ta' l-eta`, il-kliema, is-sess, it-tqala, nuqqas ta' ikel li jsostni u ohrajn, li jkunu aktar suxxetibbli minn ohrajn ghal mard u partikolarment il-mard infettiv. Ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi, a priori, li "passa" specjalment meta l-annimali jkunu qed jigu mrobbija b'mod intensiv kif hi l-usanza moderna (u kif jidhru mix-xhieda l-"Victory Farm" ta' l-attur tista' tigi kkunsidrata bhala wahda moderna) ghandha ggib maghha certu numru ta' mwiet. Minn dan jidher li n-nuqqas ta' proteini fil-gwiez ma setax b'mod assolut igib il-mewt ta' numru ta' annimali hekk f'daqqa izda minghajr dubju kkontribwixxa ghall-mewt ta' l-annimali billi zied is-suxxetibilita` ta' l-annimali ghall-infezzjoni.*

*"Fl-opinjoni ta' l-esponent dan il-kontribut ma jistax gustifikament jeccedi bhala medja aktar mill-10 per cent.*

*"Ghal dik li hi likwidazzjoni ta' danni peress li l-esponent huwa bniedem xjenzat u ma hux bniedem legali u in vista tal-fatt li hemm kawza pendenti bl-ismijiet inversi dwar debitu dovut ghall-prezz ta' l-istess gwiez bir-rispett ihalli lil Qorti sabiex tesprimi skond il-principji legali l-mod li bih dan il-fattur ta' mhux aktar minn 10 per cent ghandu jigi kkunsidrat min-naha l-wahda ghal-likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-attur u min-naha l-ohra ghad-debitu pretiz ghall-prezz tal-gwiez mill-konvenut. Fl-ahharnett huwa opportun li wiehed jinnota li mhux gustifikat li wiehed jikkonkludi li dawk il-konsenji li fuqhom ma saritilhomx l-analisi kienu necessarjament nieqsa wkoll mill-proteini."*

*"Rat li fit-8 ta' Ottubru, 1981 giet prezentata n-nota ghan-nomina ta' periti perizjuri.*

*"Rat ir-rapport tal-periti addizzjonali Dr. Lawrence Caruana, Anthony Serracino Inglott u Maurice Zarb Adami assistiti minn Dr. Richard Galea Debono li fih issemma:*

*"Fir-rigward tan-nexus li jrid ikun hemm bejn in-nuqqas ta' proteini li nstab fil-gwiez u t-telf li sofra l-attur f'majjali u flieles, il-Profs. Jaccarini qabel pjenament ma' dak li xehed il-veterinarju Tabib Frank Cassar, u cioe` certament id-dieta dghajfa tista'*

*facilment tirrendi kwalunkwe haga hajja iktar suxxettibbli ghal-mard u l-infezzjoni, milli din kienet tkun fil-fatt, kieku kellha dieta korretta u bilancjata. L-esponenti jaqblu pjenament ma' din il-konkluzjoni u hawn jaghtu l-konferma taghhom.*

*"Ghalhekk una volta stabbilit li tassew hemm nexus f'dan il-kaz bejn l-inadempjenza kottrattwali u t-telf reklamat, l-esponenti ghandhom il-kompitu li jidhlu fil-kwistjoni ta' jekk in-nuqqas ta' proteini f'dan il-kaz kienx il-fattur eskluziv fit-telf, jew kienx biss fattur kontributorju.*

*"Jigi osservat minn issa li mix-xhieda li kien ta l-veterinarju Frank Cassar, it-telf li sofra l-attur kien minhabba mard infettiv. B'dan li certi mikrobi jattakkaw l-organizmu, idghajjfuh u anki jgibu l-mewt tieghu. Infatti t-Tabib Cassar kien specifiku u semma l-prezenza ta' "Defoide" u "E.Coli". Minn imkien ma rrizulta li l-annimali mietu per kawza ta' emacjazzjoni, cioe` min-nuqqas ta' nutriment.*

*"Dan il-fatt gie wkoll kostatat mill-perit gudizzjarju, vide fol 101 tal-process. L-istess perit kompla jzid:*

*"Minghajr dubju n-nuqqas ta' proteini ... ghandha iggib maghha numru ta' mwiet."*

*"A skans ta' ekwivoci l-periti jaqblu li f'dan il-kaz, si trattava zgur ta' "passa" u dan johrog kemm mix-xhieda msemmija tat-Tabib Cassar, u f'kontro-ezami ta' l-attur f'dan il-process, fol 38 li minnha johrog li t-Tabib Cassar qal lill-attur "issa ghandek dak li kellek sentejn ilu."*

*"Billi l-periti jsibu li dan il-fatt jirrizulta, huma jaqblu wkoll pjenament mar-ragunament tal-Profs. Jaccarini li gie riprodott verbatim a skans ta' ripetizzjoni.*

*"L-esponenti josservaw ghalhekk illi n-nuqqas ta' proteini fl-ghalf ma setax kien il-kawza unika tat-telf ta' mard. Dan kien biss fattur li baxxa r-rezistenza ghal dak il-mard ta' certa percentwali ta' dawk l-annimali affetti, u serva biex ikattar in-numru ta' dawk minnhom li kienu fatalment suxxettibbli ghall-mard. Dejjem kien ser ikun hemm certa percentwali ta' telf mill-mard li laqat il-farm ta' l-attur [recte konvenut], anki li kieku l-ghalf kien skond l-ispecifications. Li gara pero` kien li dak in-numru ta' mwiet zdied b'xi percentwali.*

*"L-esponenti huma tal-fehma li filwaqt li b'metodi ta' analizi xjentifika jista' jigi determinat x'nuqqas ta' proteini kien hemm fl-ghalf, u fil-fatt dan sar, u jidher illi l-medja kienet li hemm nuqqas ta' cirka 25% ta' proteina;*

*"Madankollu l-grad ta' kontribuzzjoni ghall-imwiet a kawza ta' tali nuqqas mhix xjentifikament mizurabbli. Huwa wkoll eskluz li hemm xi relazzjoni matematika bejn il-percentwali tan-nuqqas u l-percentwali ta' mwiet zejda per konsegwenza. B'hekk per ezempju jkun xjentifikament infondat li wiehed jghid li 25% nuqqas ta' proteina gab 25% iktar imwiet, u ghalhekk dan l-argument irid jintesa.*

*"Jibqa' mela li kull ma tista' ssir hija valutazzjoni pjuttost generika ta' x'setghet kienet ir-relazzjoni numerika bejn nuqqas ta' proteina u mwiet addizzjonali. Fi kliem iehor trid bilfors issir valutazzjoni u stima "arbitrio boni viri", pero` fuq ebda kriterju xjentifikament mizurabbli.*

*"Il-periti nnotaw li l-perit gudizzjarju ffissa din ir-relazzjoni fil-percentwali ta' 10% cioe`, li n-nuqqas ta' proteini f'dak l-ghalf, gab mieghu l-mewt ta' 10% mill-annimali* ***iktar*** *minn dawk li kienu xorta wahda jmutu. L-esponenti in vista tal-premessi li saru, ma jarawx li din il-figura tikkozza ma' xi norma xjentifika, u huma tal-opinjoni li fil-fatt il-figura hija "of the right order", u ragjonevoli. Ghal dawn il-motivi ma jsibu ebda ragjuni li jiddisturbaw ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju fuq dan il-punt u jissottomettu l-konferma taghhom.*

*"Billi fil-provi ma gewx konstatati la t-telf soffert f'numru ta' annimali, u produzzjoni ta' bajd, u lanqas ingabu provi dwar prezzijiet ta' l-istess, fiz-zmien tat-telf, l-esponenti ma ghandhomx bazi biex jghaddu ghal-likwidazzjoni tad-danni."*

*"Rat li fit-13 ta' April 2005, gie nominat Dr. Vincent Galea bhala Perit Legali.*

*"Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea li fih semma:*

*"KUNSIDERAZZJONIJIET:*

*"9. Illi fis-seduta mizmuma quddiem l-esponenti nhar it-8 ta' Lulju, 2010 il-partijiet kienu qablu li l-provi f'din il-kawza u fil-kawzi l-ohra bin-numri 875/82/CFS u 319/70/CFS ghandhom jaghmlu stat u prova f'kull kawza.*

*"10. Mill-provi migbura u akkwiziti mit-tlett processi hawn appena imsemmija jirrizulta s-segwenti:*
*"i. Bejn il-partijiet kien jezisti negozju u dan fis-sens illi Ignazio Gatt kien ibiegh lil Zakkarija Calleja ikel ta' l-annimali.*

*"ii. Skond ma jirrizulta minn fol. 4 tal-process bin-numru 319/70, Ignazio Gatt kien biegh lil Zakkarija Calleja ikel ghal annimali fl-ammont ta' Lm12,169.16 u dan bejn Frar, 1969 u Frar 1970.*

*"iii. Meta Ignazio Gatt ra li Zakkarija Calleja ma riedx ihallsu ghal-ikel li kien gie konsenjat lilu u accettat minnu, u wara li Gatt fehem x'kienet il-problema ghan-nuqqas ta' hlas, il-partijiet kienu qablu li jitqabbad il-veterinarju Frank Cassar u li huma kellhom joqghodu fuq dak li jghid. Di fatti, kien ittiehed sample ta' l-ikel u ittiehed biex jigi ezaminat mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Ignazio Gatt fix-xhieda moghtija minnu fl-1 ta' Ottubru, 1970 jistqarr illi "Skond dan ic-certifikat irrizulta li kien hemm xi differenza zghira fil-kontenut tal-proteina fl-istess gwiez." X'hin hareg ir-rizultat, Calleja qal lil Gatt li huwa kien ser jibaghtlu l-kont ghal hsara li saret. Wara li ghadda ammont ta' zmien u dan il-kont baqa ma giex, Gatt beda jinsisti ghal hlas u meta Calleja ma hallasx, ghamillu l-kawza.*

*"iv. Il-gwiez li Gatt kien ibiegh lill-Calleja kien jithallat hawn Malta minn Gatt stess wara li dan ikun gab il-materja prima minn barra. Gatt ighid illi x-xoghol tat-tahlita tal-koncentrat kien bdih fil-1965 u li Calleja beda jixtri minghandu madwar sentejn wara li kien beda jhallat.*

*"v. Ignazio Gatt ighid li t-tahlita tal-koncentrat kienet tikkonsisti fi:*

*"(a) fishmeal (15%);*
*"(b) meat and bone meal (30%);*
*"(c) feather meal (10%);*
*"(d) soya bean meal (20%);*
*"(e) ground nut meal (13%);*
*"(f) sunflower meal (10%); u*
*"(e) distillers solubles xi (7%).*

*"vi. Mat-tahlita, Gatt kien jitfa' ukoll il-vitamina A u l-vitamina D3. Dawn iz-zewg vitamini pero` ma kienux jintefghu direttament mat-tahlita izda mas-soya meal. Gatt jammetti fix-xhieda tieghu li s-soyabean meal u s-sunflower meal gieli kienu jkunu anqas izda l-meat u l-bonemeal u l-fishmeal dejjem kienu jkunu konsistenti.*

*"vii. Din it-tahlita Gatt kien ibiegha ghat-tigieg biss u ghall-flieles biss. Ghal majjali kien jaghmel tahlita ohra. Gatt ighid ukoll li lil Calleja dejjem beghlu tahlita ghat-tigieg u li tahlita ghall-majjali qatt ma beghlu.*

*"viii. Fil-bidu tas-sena 1970, Calleja informa lill-Gatt li huwa kien ser jibda jixtri nofs il-bzonnijiet tieghu minghand Joseph Darmanin u n-nofs l-iehor kien ser jibqa jixtrih minghand l-istess Gatt...*

*"Ikkunsidra;*

*"11. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut Ignazio Gatt jghid li d-domandi ta' l-attur huma infondati u jinsabu intizi biex jehles*

*mill-kreditu tal-eccipjenti ghas-somma ta' £12,169.16 dedott quddiem dina l-Qorti u differita ghall-provi ghas-seduta tal-11 ta' Jannar, 1972.*

*"12. Ghandu jirrizulta bil-wisq car, li din l-eccezzjoni, jekk tista' tissejjah hekk ma ghandha l-ebda fondament legali. Irrizulta li bejn il-kontendenti kienet inqalghet kwistjoni dwar il-concentrate li l-konvenut Gatt kien biegh lill-attur Calleja. Dan il-fatt huwa rikonoxxut minn Gatt stess, meta fil-kawza bin-numru 319/70 fl-1 ta' Ottubru, 1970 qal ...*

*"13. Illi ghalhekk, zgur li ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li dak li jghid il-konvenut Gatt fl-ewwel eccezzjoni tieghu ma ghandhiex mis-sewwa u ghalhekk ghandha tigi michuda.*

*"14. It-tieni eccezzjoni ta' Ignazio Gatt tghid hekk: "Illi minghajr pregudizzju u, ghal kas li l-attur jirnexxilu jipprova li sofra xi dannu zghir dana ghandu jigi limitat ghall-perjodu bejn is-16 ta' Novembru, 1969 u l-gurnata li fiha waqfu l-forrnituri ta' concentrates billi ghar-rigward tal-forrnituri precedenti t-talba tinsab perenta mill-preskrizzjoni ta' sentejn u fit-tieni lok ghandha tkun ristretta ghal xi telf ta' flieles u mhux ta' annimali ohra."*

*"15. Nghaddu biex nezaminaw l-ewwel parti ta' din it-tieni eccezzjoni. Ignazio Gatt jghid illi d-danni ghandhom jigu limitati ghall-perjodu bejn is-16 ta' Novembru, 1969 u l-gurnata li fiha waqfu l-forrnituri ta' concentrates billi ghar-rigward tal-forrnituri precedenti t-talba tinsab perenta mill-preskrizzjoni ta' sentejn.*

*"16. Jibda biex jinghad mill-ewwel li l-ebda artikolu tal-ligi ma gie ndikat mill-konvenut ghar-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla minnu. Inghad li l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili – u ma ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (Vol. XXXIII/I/481;* ***Francis Bugeja nomine vs Indri Mercieca****, Appell Civili 29.05.2000). F'kull kaz pero', irrizulta bl-aktar mod car mill-provi li l-attur Zakkarija Calleja qieghed jitlob id-danni minn Jannar, 1970 'il quddiem (Ara Dok. D1 a fol. 290 tal-process 994/71/CFS).*

*"17. It-tieni parti tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut Gatt hija fir-rigward li d-danni, dejjem jekk hemm, ghandhom ikunu ristretti ghal flieles u mhux ghal annimali ohra. Diga rajna, fir-rapport imressaq mill-esponenti fil-kawza bin-numru 319/70 li rrizulta li Calleja kien jixtri minghand Gatt il-koncentrat ghat-tigieg u mhux ghall-majjali u ghalhekk id-danni li huma dovuti minn Gatt lil Calleja ghandhom ikunu limitati ghat-tigieg, inkluz il-flieles. Illi*

*ghalhekk, din it-tieni parti tat-tieni eccezzjoni ghandha missewwa u ghandha tintlaqa'.*

*"18. Illi diga` rrizulta mill-atti processwali tal-kawza 319/70 li d-danni subiti mill-attur odjern ġew kwantifikati, a bazi tad-dokumentazzjoni esebita minnu u mill-addetti tieghu, kif ukoll mix-xhieda prodotta, senjatament dik ta' l-attur Zakkarija Calleja u tax-xhud Benjamin Grech fl-ammont ta' tlett elef erba' mija u sittax-il Ewro u tlett centezmi ta' Ewro (€3,416.03). Huwa dan l-ammont li huwa dovut lill-attur Zakkarija Calleja bhala danni.*

*"19. Illi ghalhekk, filwaqt li l-esponenti jaghmel referenza ghall-provi kollha prodotti f'dawn il-kawzi u ghall-kunsiderazzjonijiet u motivazzjonijiet li huwa ghamel fir-rapport tal-kawza bin-numru 319/70 li ghandhom japplikaw mutatis mutandis ghal dan il-kaz, huwa tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu u li tort tal-concentrate li Gatt biegh lill-istess attur Calleja, huwa sofra d-danni, liema danni ghandhom jigu kwantifikati fl-ammont ta' €3,416.03.*

*"**Konkluzjoni***

*"20. Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti li in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, din il-Qorti ghandha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, salv ghal dak li inghad hawn fuq, tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif hawn fuq premess u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni subiti mill-attur Calleja, u dan kif hawn fuq ahjar spjegat, tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lill-attur Zakkarija Calleja s-somma ta' tlett elef erba' mija u sittax-il Ewro u tlett centezmi ta' Ewro (€3,416.03);*

*"L-imghaxijiet fuq l-ammont ta' €3,416.03 ghandhom jibdew jiddekoru mid-data tas-sentenza.*

*"Bl-ispejjez ta' din l-istanza tkun a karigu esklussiv tal-konvenuti."*

*"In eskussjoni l-Perit Legali ghad-domanda jekk l-ammont tad-danni li hu stabbilixxa fil-kawza li Zakkarija Calleja ghamel kontra Ignazio Gatt imbaghad rega' naqqsu wkoll mill-ammont tal-kawza ghall-krediti li Ignazio Gatt kien qed jitlob minghand Zakkarija Calleja, wiegeb li iva. Fuq domanda ohra jekk it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-kreditu maghmula fil-kawza Ignazio Gatt kontra Zakkarija Calleja l-imghaxijiet kellhom jiddekorru mid-data tal-konsenja u dan peress li kien debitu kummercjali, irrisponda li iva.*

***"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:***

*"Il-Qorti tirrileva li din il-kawza giet intavolata fl-1970* [*recte:* 1971] *izda giet quddiem din il-Qorti kif presjeduta biss lejn l-ahhar tas-sena 2002.*

*Tirrileva wkoll li nhlew diversi seduti meta l-atturi gew biex ihallsu d-dritt dovut lill-konsulent legali taghhom meta dan ma baqax jippatrocinahom u damu snin biex jirrisolvu din il-kwistjoni. Tirrileva wkoll li ghal numru ta' seduti l-Qorti giet iddisturbata fil-kors tax-xoghol taghha meta Carmel Gatt u Speranza Gatt iddeportaw ruhhom hazin fl-Awla.*

*"Il-Qorti tibda biex tesprimi li hi taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti u sewwa studjati mill-Perit Legali. Fil-fatt irrileva li l-partijiet kienu qablu fis-seduta tat-8 ta' Lulju, 2010 li l-provi fil-kawzi 994/71FS, 875/82FS u 319/70FS ghandhom jaghmlu stat u prova f'kull kawza. Illi naturalment essendo kawzi ta' natura civili, wiehed irid jimxi fuq il-bazi ta' probabilita`, naturalment b'apprezzament tax-xhieda kollha u tar-rapporti peritali.*

*"Dwar l-ewwel eccezzjoni, din anqas hi eccezzjoni vera u propja u f'kull kaz hija michuda.*

*"Ghalkemm fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut ghazel li jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi sostna li l-provi ghandhom jigu limitati ghall-perjodu bejn is-16 ta' Novembru, 1969 'il quddiem, il-Qorti tirrileva li t-talbiet tar-rikorrenti jirrigwardaw 1969 u bidu ta' l-1970 u ghalhekk l-eccezzjoni hija bla bazi. Inoltre l-Qorti tirrileva li fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma indikax l-artikolu tal-ligi li fuqu qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u certament ma jinkombix fuq il-Qorti li tfittixha hi.*

*"Il-partijiet ma jaqblux dwar id-danni, izda dan l-aspett gie ezaminat fir-rapporti peritali tal-kawza odjerna u 319/70FS li ghalihom il-Qorti taghmel referenza. Il-Qorti tixtieq tirrileva li minn ezami tax-xhieda thoss li l-ikel ta' l-annimali mibjugh minn Gatt lil Calleja kien wiehed ghat-tigieg u l-flieles u ma kienx jinkludi wkoll majjali, u ghalhekk sewwa ghamel il-perit meta analizza l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur fil-kawza odjerna li ezamina biss dak l-aspett.*

*"Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' Zakkarija Calleja (fol 479) li l-konkluzjoni peritali dwar dan l-aspett hija skorretta u li hija bazata merament fuq kongetturi. Il-Qorti mhux sejra tirrepeti r-raguni indikata mill-perit f'dan ir-rigward ghax tinsab konvinta mill-oppost ta' dak li qal l-imsemmi Calleja. Anqas ma hu minnu dak sostnut fir-raba' paragrafu tan-nota li dan mhux kontradett minn Gatt. Fil-paragrafu 6 tan-nota tieghu Calleja jirreferi ghad-domanda fl-eskussjoni fejn jissemmew il-figuri ta' 12% u 15% u l-Qorti tirreferi ghar-rapporti redatti mill-esperti li jindikaw car u tond il-figura ta' 10%. Illi ghalhekk il-Qorti taqbel mal-ammont likwidat mill-Perit Legali ta' €3,416.03.*

*"Riferibbilment ghat-talba ghall-imghax il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet* ***Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et*** *(Citazz. Nru.: 448/87FS) fejn inghad:*

*"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li in illiquidis non fit mora ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit* ***in mora****. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:*

*"****Salvatore Camilleri noe vs Candida Dimech ed altri*** *(9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:*

> *".............il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione............."*

*"****Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe*** *(18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:*

> *"I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione".*

*"****Mallia Tabone Utrinque –*** *8 ta' Dicembru, 1903*

*"****Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe*** *(12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:*

> *"Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".*

*"****Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe*** *(24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:*

> *" ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".*

*"****Maria Ellul Bonnici et vs Felice Mercieca et noe*** *(26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:*

> *"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".*

*"****William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –*** *Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.*

*"**Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et** (16 ta' Dicembru, 1991):*

> *"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".*

*"**Anthony Buhagiar pro et noe vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.*

*"Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo nomine** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:*

> *"Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat.*
>
> ***Omissis***
>
> *"B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja <u>l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu.</u> Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]*

*"Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:*

> *"<u>Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-</u>*

> *proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]*

*"Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet* ***Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited*** *[Imh G Valenzia] b'referenza ghal in illiquidis non fit mora inghad:*

> *"Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (Teoria Obbligaz Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359* ***Schembri vs Dr. L. Buhagiar*** *28/2/1997.*

*"Ghalhekk il-principju generali hu li in illiquidis non fit mora ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."*

*"Izda l-konsulent legali ta' l-atturi, in eskussjoni kien ghamel id-domanda lill-Perit Legali jekk l-imghaxijiet kellhomx jiddekorru mid-data tal-konsenja u dan peress li kien debitu kummercjali, irrisponda li iva.*

*"Izda dwar imghaxijiet fil-kaz ta' obbligazzjonijiet ta' xorta kummercjali wiehed irid l-ewwelnett josserva dak li jghid l-artikolu 1141 tal-Kap 16. Dan jghid:*

> *"1141 (1). Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tidisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*
>
> *(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni tal-obblikazzjoni."*

*"Ghalhekk jekk l-obbligazzjoni hi ta' natura Civili, meta jghaddi z-zmien tfisser li d-debitur ghandu jaghti, izda biex jibda jiddekorri mghax hemm bzonn ta' interpellazzjoni b'att gudizzjarju. Izda ma hemm bzonn ta' ebda interpellazzjoni fil-kaz ta' obbligazzjoni kummercjali. Il-fatt li jghaddi z-zmien hu bizzejjed biex id-debitur ikun moruz u ghalhekk l-imghax jiddekorri ipso jure mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni*

*messha giet finalizzata (**A. Cilia vs Onor. Edgar Cuschieri**, Appell Superjuri Civili, 12 ta' Novembru, 1948 – XXXIII-1-356).*

*"L-imghax fil-kaz ta' debitu kummercjali jiddekorri mid-data ta' meta jimmatura ghalkemm hemm uzanza ta' estensjoni (**Parienti vs Camilleri**, Appell Superjuri Civili, 17 ta' Jannar, 1912 – mhux pubblikata). Tali uzanza tista' titbiddel fil-kaz li l-partijiet ikunu ilhom jinnegozjaw ma' xulxin u hadd minnhom ma jkun talab imghax. Fil-kaz imsemmi gie kunsidrat li l-imghax kien dovut mid-data tat-tranzazzjoni. (Ara Appell Civili Superjuri, 26/3/1915 – XXII-I-368 **Caruana Scicluna vs Debono**). Infatti fl-operazzjonijiet kummercjali l-imghax huwa dovut bil-ligi, u meta ma hemmx dilazzjoni ghall-hlas l-imghax huwa dovut mill-gurnata tal-fattura (Elena **Torrano vs Lewis Theuma** – 10 ta' Dicembru, 1935 – Qorti tal-Kummerc – XXIX-III-192).*

*"Izda fis-sentenza fl-ismijiet **Brigadier John Bell Mc Cance vs Antonio Sammut** deciza fl-14 ta' Marzu, 1949 mill-Onor. Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili (XXXIII-I-439) insibu li l-Prim'Awla f'dak il-kaz kienet qalet:*

> *"Illi hemm interessi moratorji li jitnisslu mill-gudikat u li jigu warajh, u hemm l-interessi konvenzjonali kif ukoll l-interessi moratorji skaduti u dovuti in forza tat-talba gudizzjarja. Dawk ta' l-ewwel speci huma posterjuri ghall-istess sentenza, u l-ohrajn jiddekorru se maj mill-gurnata tat-talba gudizzjarja, peress li huma anterjuri. Dawk ta' l-ewwel speci jikkonservaw il-karattru taghhom ta' interessi, u huma distinti mill-kapital, mentri l-ohrajn isiru haga wahda mal-kapital; u ghamlet referenza ghal Mattirolo, **Trattatato di Diritto Guidiziario Civile Italiano**, Vol. V, pa. 9, paragrafi 8 u 9; u fil-gurisprudenza lokali dejjem saret differenza bejn l-interessi dovuti "per diritto di azione" derivanti mil-ligi (bhal lukri kummercjali u l-konvenzjonali) u dawk dovuti "officio judicis" (bhal dawk dovuti bhala accessorji tas-sorti principali u moratorji). Infatti gie deciz illi dawk l-interessi ghandhom ikunu mahfura meta l-attur ma jkunx ghamel talba ghalihom u ghalhekk ma jkunx hemm il-kundanna. Imma dik ir-regola m'hijiex applikabbli ghal meta l-lukri dovuti "ex stipulatu" jew "ope legis", u ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru 1873 in re "**Piscopo vs Busietta**", Vol. VI, pag. 718, u tal-25 ta' Gunju 1874 in re "**Vallone vs Nicosia**", Vol VIII pag. 145..."*

*"Illi fuq l-eccezzjoni tal-gudikat gie ritenut illi hemm gudikat in kwantu l-lukri gew kanonizzati, imma ma hemmx gudikat fuq id-data minn meta l-interessi jiddekorru; ghaliex dawk is-sentenzi qatt ma setghu jaghtu lukri minn gurnata meta l-kreditu ma kienx validament likwidat: illi huwa principju stabbilit illi l-interessi jghaddu mill-gurnata tal-likwidazzjoni; u ghamlet referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju, 1874 in re "**Vallone vs Nicosia**", tal-15 ta' Dicembru, 1873 in re "**Piscopo vs Busietta**", u tal-Prim'Awla Civili 1903 in re "**Mallia Tabone utrinque**" (Kollez. Vol. XIX p. 83).*

*"Il-Qorti ta' l-Appell stess qalet:*

> *"Illi fuq din il-kwistjoni hija haga certa fil-gurisprudenza taghna illi meta jkun hemm bzonn ta' likwidazzjoni, kif gara f'dak il-kaz, peress li l-Emergency Compensation Board ta l-bazi ta' dik il-likwidazzjoni biss, l-imghax jghaddu mis-sentenza li tkun hekk likwidat il-kreditu, meta t-talba tkun tikkomprendi anke l-imghax, u dana skond il-gurisprudenza izjed recenti anki ta' din il-qorti. L-imghax moratorji jibdew jghaddu mill-interpellazzjoni, ghaliex qabel ikun hemm il-prezunzjoni illi l-kreditur ma jkunx qieghed jinsisti ghalihom, ammenoche` ma jkunux interessati kummercjali jew "ope legis" jew "ex stipulatu"*";

5. L-intimati (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-2 ta' Diċembru, 2013, u li bih u għar-raġunijiet li jissemmew fih, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi "tikkonfermaha fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar li l-ikel għall-annimali kien intiż għat-tiġieġ u l-flieles u hekk ġie eskluż l-ikel għall-majjali u tirrevokaha għall-kumplament billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu";

6. B'Risposta mressqa fit-3 ta' Settembru, 2018, l-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") laqa' għall-imsemmi appell billi qal li, filwaqt li kellu bosta lmenti mis-sentenza appellata u kien qiegħed jinqeda bil-jedd mogħti lilu bl-artikolu 240 tal-istess Kodiċi biex iressaq appell inċidentali, din il-Qorti ma jmissha tilqa' l-ebda wieħed mill-aggravji tal-appellanti. Fl-appell inċidentali tiegħu, l-appellat qal li ħassu aggravat mis-sentenza appellata minħabba li, minkejja li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li sabet li l-awtur tal-appellanti kien jaħti għad-danni mġarrba minnu minħabba l-kwalità tal-ġwież u tal-konċentrat konsenjati, naqset li tillikwida l-ammont xieraq ta' danni li kien jistħoqqlu jingħata bħala

kumpens. B'mod partikolari, huwa jikkritika l-fehma tal-ewwel Qorti li l-ġwież u l-konċentrat mibjugħ u konsenjat lilu mill-awtur tal-appellanti kien maħsub biss biex jintgħalef lit-tiġieġ u lill-flieles u mhux ukoll lill-majjali. Minħabba f'hekk, jgħid li l-kumpens li kien jistħoqqlu jirċievi kien jitla' għal tmintax-il elf sitt mija u erbatax-il euro u sittin ċenteżmi (€ 18,614.60) u mhux biss dik ta' tlitt elef erba' mija u sittax-il euro u tliet ċenteżmi (€ 3,416.03) likwidata fis-sentenza appellata;

7. Għalhekk bl-imsemmi appell inċidentali tiegħu, l-appellat talab li din il-Qorti tilqa' l-aggravju tiegħu u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tiċħad l-aggravji tal-appellanti, tikkonfermaha safejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni mqajma mill-appellanti u dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni li titkellem dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi u kif ukoll dik il-parti fejn laqgħet l-ewwel talba tiegħu u tirrevokaha f'dik il-parti li laqgħet dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni li tgħid li l-ġwieħ u l-konċentrat kienu maħsuba biss għat-tmigħ lit-tiġieġ u lill-flieles, billi ssib li kien maħsub ukoll għat-tmigħ lill-majjali, u tirriformaha billi, minflok is-somma ta' danni likwidata mill-ewwel Qorti fit-tieni talba tiegħu, tillikwida d-danni mġarrbin minnu fis-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u erbatax-il euro u sittin ċenteżmi (€ 18,614.60), flimkien mal-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

8. Fit-8 ta' Ottubru, 2018, l-appellanti ressqu Tweġiba għall-Appell Inċidentali tal-appellat billi, għar-raġunijiet u s-sottomissjonijiet hemm dettaljatament imfissra (flimkien ma' għadd imdaqqas ta' dokumenti), talbu lil din il-Qorti tiċħad l-appell inċidentali u tissanzjona l-aġir tal-intimat appellant;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll dawk tal-kawżi fl-ismijiet *Ignazio Gatt noe et vs Zakkarija Calleja* (Ċitazz. Nru. 319/70) u *Ignazio Gatt et vs Zakkarija Calleja* (Ċitazz. Nru. 875/82) li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien ma' din il-kawża;

11. Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi l-appellat kien fetaħ din il-kawża biex il-Qorti ssib li l-ġwież u l-konċentrat bl-isem ta' "*Tagnaz*" li kien xtara fuq medda ta' żmien mingħand l-awtur tal-appellanti me kinux tal-kwalità murija fuq l-ixkejjer li fihom kienu jitwasslulu u għalhekk ġarrab danni bil-mewt tat-tiġieġ, flieles u majjali li lilhom dak l-għalf kien jintema'. Talab il-likwidazzjoni

tal-imsemmija danni u l-kundanna tal-awtur tal-appellanti għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat;

13. Illi din il-kawża nstemgħet flimkien ma' żewġ kawżi oħrajn miftuħa mill-awtur tal-appellanti kontra l-appellat. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanti, ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma fit-tieni eċċezzjoni, imma laqgħet dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni li biha sabet li l-ġwież u l-għalf mibjugħ u konsenjat kien maħsub li jintgħalef biss lit-tiġieġ u l-flieles u mhux wkoll lill-majjali; u laqgħet it-talbiet tal-appellat billi sabet li huwa kien tassew ġarrab danni b'imwiet ta' tiġieġ u flieles minħabba li t-taħlita tal-ġwież u tal-konċentrat kienet nieqsa mill-perċentwali dikjarata ta' protejina u għalhekk bosta mit-tajr kienu dgħajfa biex jilqgħu għall-passa li laqtet lir-razzett tal-appellat f'dawk iż-żminijiet. Bis-saħħa tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti illikwidat id-danni mġarrba mil-appellat fis-somma ta' tlitt elef erba' mija u sittax-il euro u tliet ċenteżmi (€ 3,416.03);

14. Illi erbgħa (4) huma l-**aggravji tal-appellanti** mis-sentenza appellata: (i) li l-ewwel Qorti aċċettat ir-rapport tal-perit legali li, min-naħa tiegħu, qagħad għal kollox fuq il-fehmiet tal-periti tekniċi; (ii) fuq x'kienet tassew il-kawża tal-mewt tat-tiġieġ u l-flieles; (iii) ir-rabta kawżali bejn it-tmigħ tal-konċentrat u l-imwiet tat-tjur riżultanti; u (iv) il-grad ta' responsabbiltà għal dak li ġara;

15. Illi fir-rigward tal-**ewwel aggravju**, l-appellanti jgħidu li ma kienx il-każ li l-ewwel Qorti toqgħod fuq il-fehmiet tal-perit legali minnha maħtur. Huma jgħidu li l-għażla tal-ewwel Qorti ma qieset xejn il-fatt li l-mod li l-appellat kien irabbi t-tiġieġ fil-ġaġeġ kien jiffaċilita l-mard tat-tjur b'rata ogħla milli kieku t-tjur trabbew jirgħu fil-beraħ. Huma jgħidu li mill-provi ħareġ li l-appellat kien iżomm it-tiġieġ għal żmien itwal minn kemm iċ-ċiklu naturali kien jagħtihom li jibqgħu jbidu u ma kinex maħsub li huwa jrabbihom għal-laħam tagħhom biex ikun kunsmat min-nies. Minbarra f'hekk, il-konċentrat mibjugħ ma kien qatt maħsub li jintgħalef waħd, imma ried jitħallat ma' għalf xieraq u li dan kien għal kollox fl-għażla u r-responsabbiltà tal-appellat;

16. Illi, min-naħa tiegħu, l-appellat iwarrab dan l-aggravju billi jirreferi għal dik il-parti mill-perizja legali (par. 66 sa 70) li tidħol f'dan l-aspett u jqis li dawk il-fehmiet huma biżżejjed biex ixejnu l-aggravju tal-appellanti;

17. Illi l-Qorti tqis li t-tentattiv tal-appellanti li jippruvaw iwaqqgħu s-siwi tal-perizji tekniċi ma huwiex la fattwalment u lanqas legalment mistħoqq meta wieħed jara l-atti kollha ta' din il-kawża u ta' dawk li kienu qegħdin jinstemgħu magħha, u jgħarbel l-imġiba tal-appellanti f'dak ir-rigward. Jibda biex jingħad li l-perizji ntalbu u twettqu bil-ħsieb li wieħed jasal biex isib jekk il-konċentrat mibjugħ lill-appellat kienx skond dak li

kien miftiehem. Fl-ebda waqt ma tqajmet il-kwestjoni dwar jekk il-metodu tat-trobbija tat-tjur min-naħa tal-appellat kienx wieħed tajjeb jew le. Fit-tieni lok, l-esperti tekniċi (fiż-żewġ livelli ta' perizja oriġinali u perizja addizzjonali) sabu li kien hemm nuqqasijiet fil-konċentrat u l-ġwież mibjugħa li setgħu jwasslu għal biċċa mill-imwiet tat-tjur li minnhom jilmenta l-appellat. Fit-tielet lok, l-aggravju tal-appellanti li l-periti tekniċi ma kinux kategoriċi fil-fehma tagħhom li l-konċentrat wassal tabilfors għal dik iż-żieda fl-imwiet ma huwiex wieħed li joqgħod f'azzjoni ta' danni ċivili, fejn il-grad ta' prova mistenni huwa dak fuq bażi ta' probabilità. F'dan il-każ, u meqjusa ċ-ċirkostanzi li fihom tmexxew dawn il-kawżi, din il-Qorti tara li l-imsemmija periti ġudizzjarji kellhom ħila fil-qasam, provi u tagħrif biżżejjed biex jaslu għall-fehmiet espressi minnhom fiż-żewġ perizji. Fir-raba' lok, l-appellanti fl-ebda waqt ma kienu talbu l-ħatra ta' periti addizzjonali (it-talba saret biss mill-appellat) u l-eskussjoni li talbu kienet limitata għall-kwestjoni tal-ammont likwidat u d-dekorrenza tal-imgħaxijiet fuq il-bilanċ mitlub. Fil-ħames lok, din il-Qorti ma ssib l-ebda nuqqas fl-għażla tal-ewwel Qorti li tibni l-fehma tagħha fuq id-direzzjoni mogħtija lilha mill-periti ġudizzjarji jew li hemm xi fehma daqstant assurda jew irraġonevoli li wasslet biex ingħatat sentenza maqtugħa għal kollox mir-riżultanzi fattwali li hemm fl-atti, u dan fil-qafas ta' dak li jipprovdi l-artikolu 681 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2];

---

[2] Ara b'eżempju App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Terres Co. Ltd vs L-Għajn Construction Co. Ltd. et***; u App. Ċiv. **25.2.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Aquilina et vs***

18. Illi għalhekk dan l-aggravju mhuwiex sejjer jintlaqa';

19. Illi bit-**tieni aggravju tagħhom** l-appellanti jikkontestaw il-kostatazzjoni peritali ta' x'seta' wassal għall-mewt ta' daqstant tjur f'qasir żmien fl-irziezet tal-appellat. Hawnhekk jidher li huma jaċċettaw il-konklużjonijiet tal-perizji tekniċi għaliex jiġbdu l-attenzjoni ta' din il-Qorti għall-fehma peritali li l-imwiet seħħew fi żmien meta t-tjur imrobbija mil-appellat intlaqtu minn imxija kawżata minn mikrobi li, minnhom infushom, għandhom il-ħabta li jġibu mwiet f'rati ogħla minn imwiet naturali. L-appellanti jgħidu li din il-fehma tixhed pesta tal-annimali li bl-ebda mod ma sabet li xterdet minħabba li l-konċentrat jew il-ġwież li kienu nfettati. Għalhekk, huma jgħidu li kienet ir-responsabbiltà waħdanija tal-appellat li jieħu l-miżuri meħtieġa biex ineħħi l-kawża tal-imwiet tat-tjur imrobbija minu u mhux jipponta s-swaba' lejn min fornih bl-għalf;

20. Illi l-appellat ma indirizzax dan l-aggravju direttament imma, għal darb'oħra, irrefera għall-fehmiet tal-perit legali;

21. Illi l-Qorti ma tistax tqis dan l-aggravju jekk mhux b'rabta mal-aggravju ta' qablu. B'mod partikolari, il-Qorti tqis li l-appellanti ma jistgħux, f'nifs wieħed, jippruvaw iwaqqgħu s-siwi tal-perizji tekniċi u

mbagħad joqogħdu fuq l-istess fehmiet biex jisiltu aggravji oħrajn mis-sentenza appellata. Il-Qorti ma għandhiex l-ebda dubju li l-periti ġudizzjarji maħtura mill-ewwel Qorti sabu li, fiż-żmien rilevanti, l-irziezet tat-trobbija tat-tjur li kellu l-appellat kienu għaddejjin minn passa u li din ma kinitx l-ewwel darba li dan seħħ. Madankollu, dak il-fatt waħdu ma jfissirx li l-awtur tal-appellanti seta' jagħżel li jbigħ u jforni ġwież jew konċentrat li ma kienx ta' fejda għat-trobbija tal-istess tjur. Il-perizji sabu li, kien sewwasew minħabba li l-konċentrat kien nieqes mill-perċentwali indikata ta' protejini, li l-effetti tal-passa kienu iżjed qawwija, għaliex it-tjur magħlufa dak il-ġwież b'dik it-taħlita ta' konċentrat ma kinux b'saħħithom biżżejjed biex ifendu l-effetti tal-passa. L-ebda perit ma indika li kien il-konċentrat li waħdu jaħti għal dawk l-imwiet: il-fehma tal-esperti, madankollu, kienet li, dak l-għadd ta' mwiet kiber minħabba d-dgħufija tat-tjur mill-għalf li kienu ngħataw. Meta l-Qorti qrat b'reqqa l-provi kollha fil-kawża (u dawk miż-żewġ kawżi l-oħrajn li jistgħu jkunu rilevanti għal din il-kwestjoni), rat li mkien ma tressqu provi mill-appellanti biex juru li l-imwiet bil-passa kienu esklussivament ir-raġuni waħdanija għall-imwiet li ġarrab l-appellat. Min-naħa l-oħra, il-fehmiet tal-periti tekniċi dwar il-kontributorjetà tal-konċentrat supplit u magħluf lit-tjur jagħmlu sens loġiku msejjes fuq provi fattwali li min hu midħla f'dak il-qasam imiss b'idejh u jarahom iseħħu b'regolarità wisq prevedibbli;

22. Illi minħabba f'hekk, dan l-aggravju ma huwiex mistħoqq u l-Qorti jidhrilha li sar sewwa li l-ewwel Qorti mxiet ma' dawn il-kostatazzjonijiet fattwali fis-sentenza appellata;

23. Illi t-**tielet aggravju** tal-appellanti jitkellem dwar il-kwestjoni tar-rabta ta' kawżalità bejn ir-riżultati tal-laboratorji dwar il-kampjuni mibgħuta u l-konsenji mibjugħa lill-appellat. L-appellanti jgħidu li, fiż-żmien tal-kontestazzjoni, ħareġ mill-provi li l-appellat kien diġà beda jixtri mingħand ħaddieħor u beda jwaqqaf ix-xiri mingħand l-awtur tagħhom. Huma jgħidu għalhekk li kien jaqa' fuq l-appellat li juri fi grad tajjeb biżżejjed fil-liġi li l-kampjuni ta' konċentrat li huwa bagħat lill-imsemmija laboratorji kienu tabilħaqq minn kunsenji li kien biegħlu l-awtur tagħhom u mhux mixtrija mingħand terzi;

24. Illi l-appellat lanqas f'dan ir-rigward ma żied sottomissjonijiet oħrajn lil hinn minn riferenza għar-rapport tal-perit legali;

25. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa kontradett mill-provi mressqa mill-appellanti nfushom. Joħroġ ċar mix-xhieda mogħtija mill-awtur tal-appellanti nnifsu fi stadju bikri tal-kwestjoni[3] u qabel ma kienet għadha nfetħet din il-kawża, li kien tassew qabel u ħa għall-ispezzjoni kampjuni ta' l-merkanzija li huwa kien forna lill-appellat, wara li kien inġab il-veterinarju Cassar fir-razzett tal-appellat u fuq parir ta' dan. Qal ukoll li

[3] Xhieda tiegħu tall-1 ta' Ottubru, 1970, f'paġ. 10 tal-Atti tal-kawża Ċitazz. 319/70

hu u l-appellat kienu ħadu l-kampjuni għall-analiżi fid-Dipartiment tal-Biedja u ntrabtu li joqogħdu għar-riżultati li joħorġu. Xehed ukoll li l-analiżi sabet "li kien hemm xi differenza żgħira fil-kontenut tal-proteina fl-istess ġwież". Hemm xhieda oħra min-naħa tal-attur li turi li dak iż-żmien kien sab diffikultà jsib xi wħud mill-komponenti u kienu jkunu f'rati anqas fit-taħlita tal-konċentrat. Qatt aktar ma qanqal il-kwestjoni dwar jekk il-kampjuni li fuqhom saru t-testijiet ma kinux kampjuni minn konsenji mibjugħa minnu. Għalhekk, fid-dawl ta' din ix-xhieda li ngħatat mill-awtur tal-appellanti minn rajh u mhux f'kontro-eżami, din il-Qorti ma tistax tasal biex issib li għandha issa tilqa' dan l-aggravju li, fis-sewwa, jidher li huwa ripensament fil-linja difensjonali tal-istess appellanti maqlugħ f'dan l-istadju inoltrat tal-kawża;

26. Illi fil-qafas ta' din il-kunsiderazzjoni, l-aggravju huwa miċħud ukoll;

27. Illi jifdal ir-**raba' aggravju** li bih l-appellanti jikkontestaw il-grad (perċentwali) ta' ħtija li l-ewwel Qorti tefgħet fuq l-awtur tagħhom għal dak li ġralu l-appellat. F'dan l-aggravju, huma jilmentaw li l-ewwel perit tekniku qabad u għażel ħtija ta' għaxra fil-mija (10%) mill-arja u bla ma qal minn fejn kien wasal għal dik iċ-ċifra. Huma jisħqu li l-passa li l-veterinarju Cassar kien sab fl-irziezet tal-appellat hija kawża minnha nfisha li ġġib il-mewt tat-tjur minħabba ż-żamma mhux xierqa tagħhom f'ambjent maħmuġ, u dan ma għandu x'jaqsam xejn mal-għalf u l-

konċentrat li kien inbiegħ. Minbarra dan, jgħidu li jekk kemm-il darba l-appellat tassew qies li l-mewt tal-annimali kienet ikkawżata mill-ġwież u l-konċentrat lilu mibjugħ, kien imissu ippreserva xi wħud minn dawn il-bhejjem biex ikunu jistgħu jsirulhom eżamijiet ħalli tkun stabbilita tassew il-kawża tal-imwiet u jekk kienx hemm xi ħtija f'hekk mill-ġwież u mill-konċentrat mibjugħ;

28. Illi l-appellat ma wieġeb xejn għal dan l-ilment;

29. Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn ittawwal fuq dan l-aggravju. Filwaqt li tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet magħmulin fir-rigward aktar qabel, jidhrilha li l-appellanti jibqgħu ma jistgħux jifhmu li mkien ma ngħad li l-ġwież jew il-konċentrat kienu nfettati jew li kien dak il-ġwież jew konċentrat li ġab il-mewt tat-tjur. Dak li ġie kostatat mill-perizji tekniċi u li joħroġ ċar mis-sentenza appellata hu li, minħabba n-nuqqasijiet fil-livell ta' protejina fil-konċentrat, it-tjur kienu f'qagħda aktar dgħajfa biex jilqgħu għall-passa milli kieku kienu jkunu li kieku dak il-konċentrat kien fih tassew il-perċentwali tal-protejina li jingħad li kellu jkun fih. Jidher ċar li l-ebda perit tekniku ma seta' joqgħod fuq formola preċiża matematika biex jasal għall-grad ta' ħtija f'qagħda bħal din. Il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, ma kellha l-ebda prova xjentifika ta' kemm kienu jmutu tjur fl-irziezet tal-appellat kieku l-konċentrat kien tal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fuq ix-xkejjer. Għal darba'oħra, il-Qorti

tinnota li l-appellanti fl-ebda waqt ma eskutew lill-periti ġudizzjarji dwar din il-kostatazzjoni tagħhom u wisq anqas taw lil din il-Qorti prova aħjar minn dik li kellhom jimxu fuqha l-istess periti. Fin-nuqqas ta' għażla oħra, din il-Qorti ssib li għandha toqgħod fuq il-grad ta' ħtija attribwit lill-awtur tal-appellanti fis-sentenza appellata;

30. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

31. Illi l-Qorti serja tqis issa l-**aggravji tal-appellat fl-appell inċidentali tiegħu** li bihom huwa jgħid li, filwaqt li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet it-talbiet tiegħu fis-sentenza appellata, is-sentenza jmissha tkun sostanzjalment riformata in kwantu jirrigwarda l-element tal-likwidazzjoni tad-danni u dan billi jitqies li, minħabba l-ġwież u l-konċentrat lilu mibjugħ u konsenjat mill-awtur tal-appellanti, huwa ġarrab danni fl-imwiet tal-majjali u mhux biss l-imwiet tat-tiġieġ u l-flieles, u billi l-perċentwali ta' ħtija fl-appellant tiżdied b'rata ogħla mill-għaxra fil-mija (10%) stabbilita mill-periti ġudizzjarji;

32. Illi fir-rigward tal-**ewwel aggravju**, l-appellat jgħid li sa mill-bidunett tal-kawża kien semma li huwa kien ġarrab telf minn imwiet kemm ta' kwantità kbira ta' tiġieġ u flieles u kif ukoll ta' majjali tat-twelid li temagħhom l-għalf mill-ġwież u l-konċentrat mibjugħ lilu mill-awtur tal-appellanti. Huwa jgħid li kemm il-perit legali u kif ukoll l-ewwel Qorti

skartaw din il-pretensjoni u qiesu li d-danni rilevanti kellhom ikunu dawk biss marbuta mat-trobbija tat-tjur b'esklużjoni tal-imwiet tal-majjali. Jindika li l-pretensjonijiet tiegħu ta' danni minħabba mwiet ta' ħannus (majjali tat-twelid) ma rrinunzjaha qatt u jqis li din il-Qorti għandha tilqagħha u tillikwida d-dannu mġarrab taħt dik il-kawżali skond il-provi mressqa minnu;

33. Illi dwar dan l-aggravju, l-appellati jibqgħu jiċħdu li l-ġwież u l-konċentrat li l-awtur tagħhom biegħ u kkonsenja lill-appellat kien jew messu ntema' lill-majjali u jisħqu li l-imwiet tal-majjali li l-appellat kellu fir-razzett tiegħu kienu mwiet minħabba l-passa li laqtitlu r-razzett u ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-ġwież konsenjat;

34. Illi l-pretensjonijiet tal-appellat f'dan ir-rigward jidher li ssemmew b'mod speċifiku fl-istadju meta l-kawża kienet qiegħda quddiem il-periti addizzjonali. Kien waqt waħda mis-seduti miżmuma mill-periti addizzjonali fit-13 ta' Mejju, 1994[4], li l-appellat xehed fuq id-danni mġarrba bil-mewt tal-majjali li huwa jgħid li temagħhom għalf bil-konċentrat mibjugħ imma dawn baqgħu ma ħadux ir-ruħ u ma kibrux sa ma mietu. Fl-istess okkażjoni huwa ressaq prospett biex ifisser il-pretensjoni tiegħu tad-danni kollha mġarrbin[5], fosthom il-pretensjoni li, fuq medda ta' sitt (6) ġimgħat, tilef mal-ħames mitt (500) ħannus;

---

[4] Paġ. 288 tal-proċess
[5] Ara Dok "D1", f'paġ. 290 tal-proċess

35. Illi l-Qorti fliet b'reqqa l-provi mressqa u qieset li l-appellat fl-aggravju tiegħu jgħid li l-prospett tad-danni mressaq minnu tfassal mill-*accountant* tiegħu. Huwa sewwasew meta qieset ix-xhieda kollha li ta Benjamin Grech (l-*accountant* tal-appellat) li sabet li dan l-aggravju tal-appellat jitlef is-siwi tiegħu b'mod sostanzjali. Mix-xhieda tal-imsemmi xhud[6] joħroġ li, fiż-żmien rilevanti, l-appellat kellu tliet (3) irziezet – tnejn f'Ħal Għargħur (fejn f'wieħed kien irabbi t-tiġieġ għall-bajd u fl-ieħor il-flieles) u wieħed fit-Telgħa ta' Alla w Ommu (fil-limiti tan-Naxxar) fejn kien irabbi l-majjali. L-istess xhud jiċċara li huwa kien silet tagħrif li tah l-appellat dwar l-imwiet tal-flieles u tat-tiġieġ u tul id-drabi kollha li xehed iffoka biss dwar telf mill-produzzjoni tal-bajd tat-tiġieġ u l-imwiet ta' flieles[7]. Meta xehed l-appellat fit-12 ta' Diċembru, 1994[8], ma semmiex danni minn imwiet tal-majjali, imma biss danni minn imwiet ta' tiġieġ u flieles. Minbarra dan, meta nqalgħet il-kwestjoni mal-awtur tal-appellanti, l-appellat innifsu wera li l-kampjuni li bagħat lil Isaac Andrews & Sons Malta f'Marzu tal-1970, kienu jirrigwardaw "*Layers Mash*"[9], li mill-isem waħdu jindika li dak il-konċentrat kien maħsub għat-tiġieġ li jbidu u mhux għat-trobbija tal-bhejjem għal-laħam. Minn provi oħrajn, jirriżulta li l-ġwież u l-konċentrat imħallat mill-awtur tal-appellanti bl-isem "*Tagnaz*" kienu jinbiegħu fi xkejjer bi lwien differenti, skond it-taħlita għal liema

[6] Paġġ. 285 – 6 tal-proċess
[7] Paġġ. 276 – 8 u 282 – 4 tal-proċess
[8] Paġ. 280 tal-proċess
[9] Ara Dok "Ċ", f'paġġ. 65 – 7 tal-Atti taċ-Ċitazz. Nru. 319/70

għamla ta' bhejjem tkun indikata. Il-Qorti tqis li raħħal ta' esperjenza bħalma tabilħaqq kien l-appellat ma setax ma ntebaħx li l-ġwież u l-konċentrat mertu tal-każ ma kienx magħmul għat-tmigħ lill-majjali imma lit-tjur. Jekk, min-naħa l-oħra, huwa tema' lill-majjali minn dak il-ġwież jew għalf imħallat mal-konċentrat lilu mibjugħ, ma jistax iwaħħal fl-awtur tal-appellanti jekk il-majjali ma marrux tajjeb u mietu minħabba dak il-ġwież;

36. Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti għall-fehma li l-perit legali mqabbad mill-ewwel Qorti għamel sewwa li sab favur dik il-parti tat-tieni eċċezzjoni tal-intimat li kienet teskludi t-telf minħabba l-imwiet ta' majjali b'kawża tal-ġwież u tal-konċentrat mertu tal-każ. Dan ifisser ukoll li r-raġunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u l-fehmiet tal-periti tekniċi (li kollha loġikament ikkonċentraw fuq it-telf ta' tiġieġ u flieles) kienu l-effett ta' apprezzament xieraq tal-provi rilevanti mressqa u li qajla kienu jagħtu wisgħa għal xi konklużjoni oħra;

37. Illi dan l-aggravju għalhekk ma jistħoqqlux jintlaqa';

38. Illi bit-**tieni aggravju** l-appellant jikkontesta l-perċentwali tad-danni li l-awtur tal-appellanti kellu jerfa' minħabba li ikkonsenja ġwież u konċentrat b'defiċjenza ta' protejina. Huwa jgħid li, mill-kampjuni mressqa għall-eżami fil-laboratorji, ħareġ li l-ġwież u l-konċentrat

kellhom mal-ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) anqas protejina milli kellu jkollhom skond it-tagħrif imsemmi fuq l-ixkejjer relattivi. Huwa jgħid li, f'dan il-każ, ma kienx sew li l-periti tekniċi jitfgħu biss ħtija ta' għaxra fil-mija (10%) fuq il-bejjiegħ Gatt, meta, minħabba f'dak in-nuqqas, kemm il-ġwież u kif ukoll il-konċentrat ma kinux tal-kwalità miftehma. Huwa jgħid li messha ntefgħet il-ħtija kollha fuq Gatt u, minn tal-anqas, fi grad ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Ma jaqbilx li l-imwiet fittjur u fil-majjaliġraw minħabba l-passa, imma sewwasew minħabba l-ġwież u l-konċentrat difettuż;

39. Illi l-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex imsejjes fuq xi riżultanza fattwali li toħroġ mill-atti tal-kawża jew li twaqqa' l-eżerċizzju ta' kalibrazzjoni mwettaq mill-esperti tekniċi maħtura mill-ewwel Qorti. Għall-kuntrarju, minħabba li l-imsemmija esperti sabu li l-kawża tal-imwiet tat-tiġieġ u flieles fl-irziezet tal-appellat ma kinitx esklussivament marbuta mal-kwalità ta' ġwież u għalf mibjugħ, kellhom tabilfors jippruvaw kif iridu jaqsmu l-effetti tal-imwiet bejn l-imsemmi konċentrat u l-passa li laqtet lill-irziezet. Filwaqt li l-periti fissru b'mod raġunat kif u għaliex waslu għaċ-ċifra ta' għaxra fil-mija (10%) ħtija fuq l-awtur tal-appellanti, u tennew dan ukoll meta kienu mressqa b'xhud in eskussjoni, l-appellat ma jagħti lil din il-Qorti l-ebda raġuni tajba biex hija twarrab il-fehma tal-ewwel Qorti u tal-periti maħturin minnha u minflok tilqa' s-sottomissjoni tiegħu;

40. Illi, minħabba f'dan kollu li ngħad, il-Qorti tqis li l-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hija tajba u ma hemmx lok li tibdilha. Għalhekk, dan l-aggravju tal-appellat mhuwiex sejjer jintlaqa';

***Decide:***

41. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intimati appellanti Gatt billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-appell inċidentali** tal-attur appellat billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tikkonferma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u għall-finijiet tat-tielet talba attriċi tikkundanna lill-intimati jħallsu lill-attur is-somma ta' tlitt elef w erba' mija u sittax-il euro u tliet ċenteżmi (€ 3,416.03) bħala danni

mġarrba, flimkien mal-imgħax fuq dik is-somma b'seħħ mid-data tal-imsemmija sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li kull parti tbati l-**ispejjeż tal-appell** relattiv tagħha, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi fl-imsemmija sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr